**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Guramentat Nru.: 633/15MH**

**Illum 29 ta' Mejju, 2017**

**1) L-Assocjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta**

**2) Frankie Sammut [K.I. 210578M]**

**u**

**3) Malcolm Bondin [K.I. 360480M]**

**vs**

**1) Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**2) Kevin Mahoney, Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali**

**3) Pierre Grech Pillow**

**u**

**4) Obelisk Auctions Limited (C 42122)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors guramentat tal-atturi** tat-30 ta' Gunju 2015 fejn gie premess:

*"1) Illi l-Assocjazzjoni rikorrenti tirrapprezenta l-interessi tal-membri tal-Korp tal-Pulizija. Iz-zewg rikorrenti l-ohra huma ufficcjali pubblici.*

*2) Illi fl-24 ta' Frar 2015 kien ser jinzamm irkant hekk kif ordnat mill-ewwel u t-tieni intimat, jew min minnhom, konsistenti f'Vehicle & Sea Craft auction ta' mija u disgha u ghoxrin (129) vettura, dghajjes u spare-parts qabel uzati mill-Korp tal-Pulizija jew fil-pussess tal-Korp li ser jinbieghu individwalment; u mill-25 sat-28 ta' Frar 2015 kien ser jinzamm irkant iehor konsistenti f'An Important arms auction fejn kienu ser jigu rkantati ftit anqas minn tmien mitt (800) arma qabel uzati mill-Korp tal-Pulizija jew fil-pussess tal-Korp u li kienu ser jinbieghu individwalment.*

*3) Illi l-intimati avzaw li l-ufficcjali pubblici kollha tal-Gzejjer Maltin kienu ser jigu pprojbiti milli jippartecipaw f'dawn iz-zewg irkanti, meta ma hemm l-ebda disposizzjoni fil-ligi li taghti lok ghal din il-projbizzjoni, u ghalhekk tali projbizzjoni li ufficcjali pubblici jinzammu milli jippartecipaw f'irkant pubbliku, flimkien mal-bqija tal-poplu Malti u Ghawdxi kollu, hi projbizzjoni diskriminatorja u arbitrarja, li hi wkoll bi ksur tal-ligi.*

*4) Illi d-disposizzjoni tal-ligi citata mill-ewwel zewg intimati [Avviz Legali 40 tas-sena 1966 kif sussegwentement emendat, regolament 110] biex jissostanzjaw din il-posizzjoni taghhom bl-ebda mod ma tapplika meta jkun ser ikun hemm bejgh individwali u b'irkant pubbliku ta' numru ta' oggetti simili. Tali projbizzjoni tghodd biss, ghal ragunijiet evidenti, meta tali oggetti jkunu ser jitnehhew raggruppati permezz ta' quotations jew permezz ta' tender.*

*5) Illi l-Assocjazzjoni rikorrenti, f'isem il-membri taghha, u z-zewg rikorrenti l-ohra, jixtiequ illi huma u l-ufficcjali pubblici jippartecipaw f'dan l-irkant kif ghandhom dritt li jaghmlu bhal kull cittadin iehor, u mhux jigu mcahhda milli jaghmlu dan sempliciment ghax huma ufficcjali pubblici. Hu ironiku kif kriminal jista' jippartecipa f'dan l-irkant biex jixtri arma li permezz taghha hu stess kien ikkommetta reat, imma*

*membru tal-Korp tal-Pulizija li jaf ghamel ghomru jahdem b'arma partikolari hu prekluz milli jippartecipa u joffri biex jixtri dik l-arma mill-irkant.*

*6) Illi ghalhekk kellu jigi pprezentat Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati biex dawn iz-zewg irkanti ma jinzammux stante` l-eskluzjoni tal-partecipazzjoni tal-ufficcjali pubblici, liema mandat gie akkordat provvizorjament, u mbaghad b'mod definittiv fis-17 ta' Marzu 2015, ghal dawk ir-ragunijiet hemm awtorevolment u dettaljatament spjegati mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili - kopja tad-digriet relattiv annessa u markata bhala Dokument A. L-effetti tal-Mandat gew estizi sat-30 ta' Gunju 2015 minghajr il-htiega li tigi pprezentata l-kawza skont ma jirrizulta mill-anness Dokument B.*

*7) Illi wara l-ghoti ta' dan id-digriet, ir-rikorrenti ghamlu kull tentattiv, sal-ahhar mument qabel giet intavolata din il-kawza, sabiex jigu evitati proceduri gudizzjarji ulterjuri u l-irkanti jsiru bil-partecipazzjoni miftuha wkoll ghall-ufficcjali pubblici, imma kull tentattiv kien ghalxejn, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex :*

*1) Issib li l-imħarrkin ma kellhom ebda raguni tajba biex izommu lir-rikorrenti milli jippartecipaw fl-irkant konsistenti f'Vehicle & Sea Craft auction ta' mija u disgha u ghoxrin (129) vettura, dghajjes u spare-parts qabel uzati mill-Korp tal-Pulizija jew fil-pussess tal-Korp li ser jinbieghu individwalment; u fl-irkant iehor konsistenti f'An Important arms auction fejn kienu ser jigu rkantati ftit anqas minn tmien mitt (800) arma qabel uzati mill-Korp tal-Pulizija jew fil-pussess tal-Korp u li kienu ser jinbieghu individwalment; u li l-projbizzjoni imposta mill-imharrkin dwar il-partecipazzjoni tal-ufficcjali pubblici fiz-zewg irkanti msemmija hi diskriminatorja, abusiva u llegali;*

*2) Tordna lill-imħarrkin sabiex jippermettu lir-rikorrenti u lill-ufficcjali pubblici li jippartecipaw b'mod shih daqs kull cittadin iehor fiz-zewg irkanti msemmija.*

*3) Tordna illi z-zewg irkanti msemmija ma jkunux jistghu jibdew u jinzammu hlief bil-partecipazzjoni tar-rikorrenti u tal-ufficcjali pubblici flimkien mal-bqija tal-pubbliku.*

*4) Tikkonferma l-jedd imsemmi/pretiz mir-rikorrenti fil-Mandat ta' Inibizzjoni fuq riferit u li gie dekretat definittivament fis-17 ta' Marzu 2015 (Dok A).*

*Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija u tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali** tal-21 ta' Ottubru 2005[1] li permezz taghha ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:

1. *"Illi preliminarjament, l-esponenti jecepixxu l-inamissibilita' tat-talba tar-rikorrenti stante illi ghalkemm it-talbiet tar-rikorrenti huma tali li jidher li hija azzjoni stharrig ta' ghemil amministrattiv u cioe' tad-decizjoni tal-esponenti li ufficcjali pubblici ma ghandhomx jithallew jippartecipaw fl-irkant madankollu ma tipprecizawx l-artikolu tal-ligi li fuqu hija bazata l-azzjoni;*

2. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti ghandhom jipprovaw l-interess guridiku taghhom fit-talbiet impustati kif mehtieg bil-ligi.*

3. *Subordinatament u minghajr pregudizzju, l-esponenti jikkontestaw it-talbiet attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma sar xejn minnhom illi jista' legalment jattira l-htiega ta' revizjoni da parti tal-Qorti;*

[1] Fol 23 et seq

4. *Illi l-esponenti formalment jecepixxu li l-premessi ta' l-azzjoni in kwantu huma diretti ghal kisba ta' dikjarazzjoni li l-esponenti agixxew ultra vires dak li tipprovdi l-ligi u b'mod abussiv u illegali huma wkoll infondati. Dan peress li r-Regolament 110 tar-Regolamenti dwar il-Finanzi Generali (L.S. 174.01) specifikatament jirregola kif ghandhom jitnehhew hazniet. Illi dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:*

*"**110.** Hlief meta s-Segretarju Permanenti responsabbli ghad-dipartiment interessat jordna mod iehor, oggetti ta' hazna zejda msemmija taht ir-regolament 104 ghandhom jitnehhew mid-Direttur tal-Kuntratti wara lid an ikun hareg sejha pubblika ghall-offerti"*

*Illi minn dana r-regolament jinzel bic-car illi hazniet jistghu jitnehhew kemm permezz ta' sejha pubblika ghall-offerti (tender) kif ukoll "mod iehor". Illi l-ghazla tal-"mod iehor" kif ghandhom jitnehhew il-hazniet jithalla fid-diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti responsabbli mid-dipartiment interessat.*

*Illi r-regolament 110 tar-Regolamenti dwar il-Finanzi Generali ma jiqafx hemm izda jistipula b'mod car fit-tieni proviso tieghu li kemm f'kaz li t-tnehhija ta' hazniet issir b'sejha ghall-offerti kif ukoll jekk tali tnehhija issir b' "mod iehor" "ebda ufficjal pubbliku m'ghandu jithalla jikkwota jew jitfa' offerti biex jakkwista oggetti bhal dawk sew direttament sew indirettament". Illi dan johrog car mill-kliem "f'kull kaz" li juri li tali divjet japplika ghal kull tip ta' tnehhija u mhijiex limitata biss ghal tnehhija b'sejha pubblika ghall-offerti.*

*Illi li kieku t-tieni proviso kien japplika biss ghat-tnehhija permezz ta' sejha pubblika ghall-offerti tali limitazzjoni kienet tigi stipulata espressament. Madanakollu gialadarba dan il-proviso qed isir ghar-regolament 110 fl-intier tieghu u bil-kliem "f'kull kaz" ma jhalli l-ebda dubbju li r-restizzjoni mposta mit-tieni proviso ghal dak li jirrigwarda ufficjali pubblici tapplika kemm ghat-tnehhija tal-hazniet zejda permezz ta' sejha pubblika ghall-offerti kif ukoll ghat-tnehhija tal-hazniet zejda permezz ta'*

*"mod iehor" kif ordnat mis-Segretarju Permanenti u dan b'mod indistint peress li t-tieni proviso japplika ghar-Regolament 110 fl-intier tieghu.*

5. *L-esponenti jecepixxu wkoll illi dina l-projbizzjoni totali ghal dak li jirrigwarda ufficjali pubblici li jippartecipaw fit-tnehhija ta' hazniet sew jekk tali tnehhija ssir b'sejha pubblika sew jekk tali tnehhija ssir b'mod iehor ghandha ratio legis taghha mpernijat fuq l-eradikazzjoni ta' kull kunflitt ta' interess li jista' jkollhom ufficjali pubblici fl-isfera ta' l-amministrazzjoni pubblika ta' finanzi fdati f'idejn dipartimenti tal-Gvern.*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu illi l-kawza odjerna hija ta' stharrig gudizzjarju u mhux kawza kostituzzjonali u fi kwalunkwe kaz filwaqt illi jirrespingu kull allegazzjoni ta' diskriminazzjoni in konfront tar-rikorrenti, jecepixxu illi r-rikorrenti ghalkemm jallegaw vjolazzjoni naxxenti minn diskriminazzjoni jakkampaw tali allegazzjoni b'mod vag u ma jispecifikawx ir-raguni tat-talbiet taghhom. Certament illi wiehed ma jistax jghid illi tali restrizzjoni hija tikkostitwixxi vjolazzjoni stante li l-paragun f'kaz ta' diskriminazzjoni ghandu jsir fuq bazi ta' "like with like" kif ukoll ghandu jkun allaccat ma wiehed mid-drittijiet sustantivi u jkun ukoll marbut ma wiehed mill-bazijiet msemmija fl-artikoli appoziti tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropeja.*

7. *Illi l-esponenti jirrespingu kull allegazzjoni ta' abbuz ta' poter u ta' agir illegali stante li huma dejjem agixxew fil-parametri tal-ligi u ghal motivi li jirrispettaw it-test ta' dak li jipprovdu l-provvedimenti tal-ligi.*

8. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

9. *Bl-ispejjez."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat illi l-konvenuti l-ohra Pierre Grech Pillow u Obelisk Auctions Limited debitament notifikati[2] baqghu kontumaci.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda mressqa mill-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Il-kaz tal-lum skatta wara li fuq struzzjonijiet tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali hareg Avviz li kien ser jinzamm bejgh individwali bl-irkant ta' diversi oggetti li kienu jintuzaw minn jew li kienu fil-pussess tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-oggetti kienu jinkludu vetturi, dghajjes u armi. Skont l-imsemmi Avviz, l-ufficjali pubblici kollha fil-gzejjer Maltin kienu ser jigu projbiti milli jippartecipaw f'dawn iz-zewg irkanti. Skont l-atturi ma hemm ebda dispozizzjoni tal-ligi li tipprovdi ghal tali projbizzjoni u ghalhekk fil-fehma taghhom l-agir tal-awtoritajiet imsemmija huwa wiehed diskriminatorju, arbitrarju u bi ksur ta' ligi. Ghall-atturi, r-regolament 110 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 170.01 citat mill-awtoritajiet in sostenn tal-projbizzjoni minnhom imposta huwa inapplikabbli ghal bejgh individwali u b'irkant pubbliku. L-atturi ghandhom interess li huma u l-ufficjali pubblici kollha jippartecipaw f'dan l-irkant u ghalhekk qeghdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex issib li l-konvenuti ma kellhom ebda raguni valida sabiex izommu lill-atturi milli jippartecipaw fl-irkanti msemmija u li l-projbizzjoni tal-partecipazzjoni taghhom fihom hija diskriminatorja, abbuziva u llegali. Huma qed

[2] Fol 19

jitolbu wkoll li l-konvenuti jigu ordnati jhallu lill-atturi u lill-ufficjali pubblici kollha jippartecipaw f'dawn l-irkanti flimkien mal-bqija tal-pubbliku, liema rkanti m'ghandhomx isiru hlief bil-partecipazzjoni tal-atturi u tal-ufficjali pubblici. Inoltre, l-jedd tar-rikorrenti skont il-Mandat t'Inibizzjoni Nru 313/15 fl-istess ismijiet ghandu jigi konfermat.

Minn naha l-ohra z-zewg konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali laqghu ghal din l-azzjoni kemm b'eccezzjonijiet preliminari kif ukoll fil-mertu. Ghal dak li hu mertu dawn il-konvenuti jsostnu li huma m'agixxewx *ultra vires* u lanqas b'mod abbuziv u llegali izda skont il-provvedimenti tar-regolament 110 tal-L.S.174.01 li jirregola t-tnehhija ta' hazniet tad-Dipartimenti tal-Gvern. Skont dawn il-konvenuti, dan ir-regolament jippermetti t-tnehhija tal-hazniet kemm permezz ta' sejha pubblika ghall-offerti kif ukoll b'modi ohra skont id-diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti responsabbli mid-Dipartiment koncernat. Il-konvenuti jishqu li dan ir-regolament, f'kull kaz u ghal kull tip ta' tnehhija, jipprekludi l-ufficjali pubblici milli jikkwotaw jew jitfghu offerti biex jakkwistaw il-hazniet imsemmija kemm b'mod dirett kif ukoll indirett. Ir-*ratio legis* wara dan ir-regolament huwa l-eradikazzjoni u kontroll ta' kull kunflitt ta' nteress li jista' jkollhom ufficjali pubblici fl-amministrazzjoni pubblika ta' finanzi f'idejn dipartimenti tal-Gvern. Fil-fehma tal-konvenuti t-talbiet kollha attrici ghandhom jigu michuda.

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi li tressqu jirrizulta li:

1. Permezz ta' Avviz[3] mahrug mill-konvenuti Obelisk Auctioneers & Valuers fuq struzzjonijiet tal-konvenut l-iehor il-Kummissarju tal-Pulizija gie reklamat bejgh bl-irkant fuq medda t'erbat ijiem ta':

[3] Fol 41

a. aktar minn 700 arma tan-nar in kwantu ghal 425 lott ta' armi tan-nar antiki u tal-kollezzjoni li qabel kienu stokk jew jintuzaw fis-servizz tal-pulizija u in kwantu ghal 342 lott ta' armi tan-nar konfiskati;

b. 129 lott ta' vetturi uzati tal-Pulizija, *speedboats*, *ribs* u *spare parts.*

2. L-irkant tal-vetturi tal-Pulizija, dghajjes u *spare parts* kellu jsir it-Tlieta 24 ta' Frar 2015 filwaqt li l-irkant tal-armi kellu jsir mill-Erbgha 25 sas-Sibt 28 ta' Frar 2015;

3. L-istess Avviz kien jghid ukoll li:

*"As stipulated in the General Financial Regulations (SL. 174.01) Art.110 public officers are not allowed to participate in this auction both in a direct or in an indirect manner."*

4. Il-konvenuta Obelisk Auction Gallery ppublikat katalgi bil-listi tal-oggetti ntizi ghall-irkant pubbliku inkluz l-*auction starting price* ghal kull oggett[4];

5. Fit-23 ta' Frar 2015, l-atturi odjerni ntavolaw proceduri ghall-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni Nru 313/2015 fl-ismijiet *"L-Assocjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et"* permezz ta' liema huma talbu lill-Qorti sabiex tordna l-hrug tal-Mandat sabiex izzomm lill-intimati milli jibdew u jipprocedu u jzommu z-zewg irkanti msemmijin hawn taht li fihom ma humhiex qed jithallew jippartecipaw billi huma ufficjali pubblici. B'digriet datat 17 ta' Marzu 2015 il-Qorti laqghet dik it-talba[5];

6. **L-eks Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Zammit**, imharrek mill-atturi xehed[6] illi fi zmienu rrizulta li l-Korp kellu diversi assi li ma kienx qieghed jutilizza u peress li l-Korp kellu bzonn il-fondi ghall-istrutturar tieghu kellu l-idea li dawn jinbieghu

4 Fol 85 u 93
5 Fol 4 et seq
6 Fol 32 et seq

b'irkant. Huwa qal li kienet qamet il-kwistjoni li l-ufficjali pubblici ma setghux jippartecipaw f'dawn l-irkanti u hu kien tal-fehma li huwa zbaljat li dawn ma jithallewx jippartecipaw. Dan ghaliex fil-fehma tieghu huma mhux biss kienu ufficjali tal-korp izda hafna mill-membri kienu wkoll kollezzjonisti u huma licenzjati barra l-korp. Uhud mill-armi ghall-bejgh kienu wzati minnhom stess. Ir-raguni tal-impediment ghall-partecipazzjoni ta' dawn l-ufficjali pubblici li giet moghtija lilu kienet li kien hemm regolament minn naha tal-Finanzi. Fil-fehma tax-xhud, fil-kuntest partikolari ta' dan il-kaz, din il-projbizzjoni ma kinitx taghmel sens. Ghalkemm meta hareg l-Avviz fl-2015 huwa ma kienx ghadu Kummissarju, huwa kien involut hafna fil-preparamenti ghal dan l-irkant;

7. **L-Ispettur Malcolm Bondin**, wiehed mill-atturi, xehed[7] li huwa kien ilu 16 il-sena fil-Korp u jokkupa l-kariga ta' President tal-Assocjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta. L-interess personali tieghu fl-irkanti in kwistjoni huwa li whud mill-armi li ser jinbieghu kienu gew trejnjati bihom huma stess meta dahlu l-Akkademja u ghalhekk huwa xtaq jakkwista xi armi minnhom bhala tifkira. Huwa xtaq ukoll jakkwista xi armi bhala tifkira tal-kunjatu tieghu li ghamel snin shah fil-korp tal-Pulizija. U peress li huwa wkoll dilettant tal-karozzi xtaq ukoll jippartecipa fl-irkant taghhom. L-Assocjazzjoni kienet ukoll waqqfet il-*Malta Association Shooting Club* li fih 'il fuq minn 200 membru u meta dawn marru biex jaghmlu l-*viewing* u gew infurmati li ma kinux ser jithallew jiehdu sehem huma marru jilmentaw mal-Assocjazzjoni. Fil-fehma tal-Assocjazzoni r-Regolament 110 tal-L.S. 174.01 m'ghandux japplika ghal fini ta' dan l-irkant u huma mhu ser ikollhom ebda vantagg fuq ebda persuna ghax kulma ser jaghmlu huwa li jmorru u min jibbidja l-akbar somma jirbah;

8. **L-Ispettur Frankie Sammut**, wiehed mill-atturi, xehed[8] li huwa kien ilu 15 il-sena fil-Korp u huwa l-PRO tal-Assocjazzjoni. Peress li ghamel 9 snin minnhom jahdem gewwa s-sezzjoni tal-*Administrative Law Enforcement*, kien hemm xi dghajjes li kienu ghal qalbu u xtaq li forsi jibbidja ghal wahda minnhom ghax ghandu l-licenzja

[7] Fol 37 et seq
[8] Fol 52 et seq

nawtika. Huwa gie wkoll avvicinat minn diversi membri tal-Assocjazzjoni li xtaqu jippartecipaw fl-irkanti. Huwa kkorrisponda mal-Kummissarju Michael Cassar biex jitlob kjarifika bil-miktub dwar is-sitwazzjoni u r-risposta li nghata kien li skont ir-regolament 110 tal-LS 174.01 huma ma setghux jippartecipaw. Minkejja t-tentattivi u t-tahdidiet li saru mal-awtoritajiet koncernati, l-awtoritajiet konvenuti ma bidlux il-pozizzjoni taghhom.

9. **Emanuel Galdes**, ufficjal pubbliku li jahdem mad-Dipartiment tad-Dwana spjega[9] li meta huma jkollhom *surplus items* huma jiddisponu minnhom permezz ta' rkant pubbliku u fih ma jippartecipawx impjegati tad-Dwana u familjari taghhom. Huwa ma kienx f'qaghda jghid jekk qatt kienx hemm ufficjali tad-Dwana li ghamlu xi rikjesta jew ilment biex jippartecipaw f'dawn l-irkanti. Senjatament esebixxa d-dokument EG[10] fejn f'dan il-kuntest hemm imnizzel *"..employees of the Custom Department and their immediate families are to refrain from tendering any offers in connection with this particular call for application"* .

10. **L-Ispettur Kenneth Haber** spjega[11] li bhala procedura tac-civil, meta jkun hemm *surplus items*, jinhatar Bord estraneju mid-Dipartiment, f'dan il-kaz mill-Korp tal-Pulizija, biex jevalwaw dawn l-items u jaghmlu rapport dwar x'ghandu jsir bihom. Din kienet ser tkun l-ewwel darba li l-korp tal-Pulizija ser jiddisponi mill-armi. Ir-raguni kienet kemm wahda ta' ntrojtu finanzjarju kif ukoll biex ikun hemm aktar spazju fl-i*stores*. Fir-rapport li sar minn dan il-Bord[12] kien sar suggeriment biex issir talba lill-Ministru tal-Finanzi ghal ezenzjoni mill-ligi fir-rigward tal-ufficjali pubblici sabiex huma wkoll ikunu jistghu jippartecipaw fl-irkanti in kwistjoni. Fl-24 ta' Mejju 2014, rapprezentant tal-Kummissarju tal-Pulizija kiteb lill-Ministeru tal-Finanzi fejn a bazi ta' din ir-rakkomandazzjoni tal-Bord talab l-awtorizzazzjoni tal-Ministeru biex ufficjali pubblici jithallew jippartecipaw f'dawn l-

[9] Fol 65 et seq
[10] FoL 85A.
[11] Fol 76 et seq
[12] Dok KH a fol 85

irkanti[13]. Fil-5 ta' Gunju 2015 inghatat ir-risposta tal-Ministeru tal-Finanzi fis-sens li d-dispozizzjonijiet tar-regolament 110 tal-Ligi Sussidjarja in ezami kellhom japplikaw f'dan il-kaz[14]. Fil-kaz tal-lum kien gie deciz li s-*surplus items* jiddisponu minnhom mhux b'tender izda b'irkant ta' oggetti ndividwali. Dan b'kuntrast mas-sistema kif kienet tithaddem qabel fejn l-oggetti kienu jinbieghu b'lottijiet ghal prezz baxx hafna. Fl-irkanti mertu ta' dawn il-proceduri kienu diga' bdew isiru l-*viewings* u lejliet li kien ser jibda l-irkant sar il-Mandat t'Inibizzjoni mill-atturi. Ix-xhud cahad li originarjament l-intendiment kien li l-irkant ikun miftuh biss ghall-membri tal-Korp izda rrikonoxxa li kien sar suggeriment f'dak is-sens;

11. **Audrey Anne Callus Randich**, direttur fil-Ministeru tal-Finanzi xehdet[15] dwar il-procedura mhaddma biex id-Dipartimenti tal-Gvern jiddisponu minn hazniet zejda. Irreferiet ghar-regolament 110 tal-Ligi Sussidjarja in ezami. Hija spjegat li jkun hemm sejha ghall-offerti jew tender mid-Dipartiment tal-Kuntratti izda s-Segretarju Permanenti jista' jiddeciedi li jiddisponi b'mod iehor milli b'tender bhal per ezempju b'irkant pubbliku. Jekk l-ammont ikun sa €47,000 kull lott, jista' jiddisponi mill-hazniet zejda s-Segretarju Permanenti billi jaghmel sejha ghall-offerti jew dipartimentali jew miftuha. Jekk tkun ghal ammont sa €6,000 jistghu ukoll jitnehhew fis-suq liberu wara li jingabru hames kwotazzjonijiet filwaqt li fil-kaz ta' valur li ma jaqbizx l-€1,200 il-Kap tad-Dipartiment jista' jiddisponi minnhom kif jidhirlu l-ahjar u cioe' jew bis-sejha ghall-offerti jew bl-irkant. Ghal dawn is-sejhiet jista' jippartecipa kulhadd barra l-ufficjali pubblici.

**Ikkunsidrat:**

Qabel kull kunsiderazzjoni ohra l-Qorti tissottolinea li mandati kawtelatorji jigu decizi biss fuq bazi *prima facie*, u cioe' dak li jirrizulta lill-Qorti mad-daqqa t'ghajn. Kif riaffermat minn din il-Qorti stess fil-proceduri ghal hrug ta' Mandat

[13] Dok KH 2 a fol 85
[14] Dok KH 3 a fol 85
[15] Fol 88 et seq

t'Inibizzjoni fl-ismijiet **Globalair Travel Ltd vs Tomie McCarthy et tat-2 ta' Jannar 2016**[16]**-**

*"A priori din il-Qorti terga tirritjeni kif dejjem ghamlu il-Qrati nostrana illi l-ezami li trid taghmel hawn huwa bla dubbju u biss dak sal livell ta' prima facie. Hija ma tista qatt tidhol fid-dettal ta' l-ezami tal-lanjanzi mressqa b'tali mod illi tuzurpa il funzjoni li trid tezercita meta tigi biex tiddeciedi ir-rikors guramentat gia presentat kontestwalment mal-mandat kawtelatorju.*

*Illi nghad fid-digriet "**Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** P.A.(RCP) 10 ta' Mejju 2001 – Rikors Numru 286/2001/RCP) u "Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 inghad ukoll "li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprija".(Ara wkoll **P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited** – P.A. RCP.10 ta' Mejju 2001; **Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd** P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001).*

*Ghalhekk bla dubbju ta' xejn kull stedina lil Qorti li tezamina in funditus it-talbiet mressqa fir-rikors jew il-veru mertu tal-bazi tal-mandat ma jistghux jigu ikkontemplati f'dan l-istadju."*

Dan qed jinghad ghax hija l-Qorti li quddiemha tigi ntavolata l-kawza li ghandha l-kompetenza li tiddeciedi l-kaz fil-mertu, u dan indipendentement minn dak li jkun instab fuq bazi *prima facie* fil-proceduri kawtelatorji. Huwa fatt maghruf li mhux kull jedd milqugh *prima facie* b'mandat kawtelatorju gie konfermat fil-mertu u vice versa.

[16] Nru 1002/16 – Dawn kienu proceduri ghar-revoka ta' Mandat kawtelatorju izda l-principji dwar il-kriterju tal-prima facie huma l-istess

Ghalhekk, u partikolarment b'referenza ghal dak sottomess mill-atturi fir-rigward[17], il-Qorti taghmilha cara li hija b'ebda mod ma hi se thossha marbuta jew influwenzata minn dak deciz *prima facie* fil-Mandat t'Inibizzjoni Nru 313/2015 fir-rigward tal-interpretazzjoni tar-regolament 110 tal-L.S. 174.01 u l-evalwazzjoni taghha ser issir *in funditus* kif inhu mistenni minnha a bazi tal-provi u sottomissjonijiet imressqa quddiemha fl-atti tal-proceduri odjerni u xejn iktar.

Stabbilit il-premess, il-Qorti sejra tghaddi biex titratta l-ewwel zewg eccezzjonijet preliminari tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali.

**L-ewwel eccezzjoni preliminari**

Din tghid hekk –

*"Illi preliminarjament, l-esponenti jecepixxu l-inammissibilita' tat-talba tar-rikorrenti stante illi ghalkemm it-talbiet tar-rikorrenti huma tali li jidher li hija azzjoni ta' ghemil amministrattiv u cioe' tad-decizjoni tal-esponenti li l-ufficjali pubblici m'ghandhomx jithallew jippartecipaw fl-irkant madankollu ma tipprecizax l-artikolu tal-ligi li fuqu hija bazata l-azzjoni;"*

Dawn il-konvenuti jargumentaw[18] li minkejja li fir-rikors promotur ma hemm ebda referenza ghall-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti ghandha tezamina x'qed jintalab fir-rikors guramentat ghax huwa dan l-att li jirrispekkja dak li qed tigi mitluba tiddeciedi l-Qorti. Fil-fehma taghhom, minkejja li r-rikors guramentat ma jirreferix ghall-artikolu 469A tal-Kap 12 b'mod esplicitu, analizi tal-premessi u t-talbiet fir-rikors guramentat twassal ghall-konkluzjoni li l-azzjoni odjerna hija wahda ta' stharrig gudizzjarju.

[17] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 102
[18] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 109 et seq

Huma jsostnu li kif konfermat mill-gurisprudenza, il-kawzali tal-att promotur trid tkun cara u bazata fuq dispozizzjoni ta' ligi u mhux tkun talba bla raguni legali. L-artikolu 156 (1) tal-Kap 12 ma jippermettix konfuzjoni fit-talba f'citazzjoni ghax dan la hu gust mal-kontro-parti li trid tkun f'qaghda li tiddefendi ruhha u lanqas mal-Qorti li jrid ikollha c-certezza dwar l-indoli tal-procedura li jrid jiddeciedi dwarha.

Il-konvenuti jissottomettu li n-nuqqas tal-atturi li jindikaw il-bazi tal-azzjoni taghhom fir-rikors guramentat odjern igib mieghu in-nullita' tal-proceduri istitwiti minnhom a tenur tal-artikolu 789 (c) u (d) tal-Kap 12 ghaliex il-fatt li l-atturi ma ndikawx l-artikolu tal-ligi li fuqu qed jibbazaw l-azzjoni taghhom ippregudika d-difiza tal-konvenuti, liema nuqqas jekwivali ghal vjolazzjoni tal-forma mehtiega mill-ligi ghax ir-rikors promotur huwa nieqes minn partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mil-ligi.

Il-Qorti tibda billi tosserva li nonostante l-eccezzjoni preliminari li tressqet mill-konvenuti msemmija, u nonostante li fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti[19] l-atturi gew mitluba sabiex jindikaw il-bazi tal-azzjoni taghhom, huma naqsu li jaghmlu dan matul il-proceduri kollha.

Filwaqt li l-Qorti tesprimi d-dizappunt taghha li l-atturi baqghu ma ottemprawx ruhhom ma' dak mitlub, hija sejra tghaddi biex tevalwa din l-eccezzjoni tal-konvenuti anke fid-dawl tal-principju li sa fejn hu possibbli l-atti jigu salvati u mhux annullati.

Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-kriterji saljenti li ghandhom jiffurmaw parti mir-rikors guramentat skont l-artikolu 156 (1) tal-Kap 12 huma li dan l-att ghandu jkun fih:

*(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*

[19] Fol 28 – seduta tal-4 ta' Novembru 2015

*(b) ir-raġuni tat-talba;*

*(ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati.*

Minn harsa lejn ir-rikors guramentat tal-atturi ebda wiehed minn dawn il-kriterji ma huma nieqsa kemm ghax il-premessi u r-ragunijiet ghat-talbiet taghhom huma mfissra b'mod car, kif ukoll dawn huma enumerati.

Ghal dik li hi l-bazi tal-azzjoni, fil-fehma tal-Qorti, huwa decifrabbli mid-dicitura stess tal-premessi u t-talbiet tar-rikors guramentat, li dawn huma diretti biex jattakaw id-decizjoni amministrattiva mehuda mill-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali li f'zewg irkanti organizzati jeskludu lill-ufficjali pubblici kollha milli jippartecipaw fihom. Il-bazi tat-talbiet taghhom hija mibnija fuq l-allegazzjoni li tali decizjoni hija wahda abbuziva, diskriminatorja u kontra l-ligi, bazi li fis-sustanza taghha hija rispekkjata fit-termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan kif anke ben osservat mill-awtoritajiet konvenuti stess.

Dan l-artikolu jghid hekk -

*"469A. (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*

*(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*
*(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*
*(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*

*(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*
*(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*
*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi."*

**Specifikatament, min-natura tal-ilment kif impustat fir-rikors guramentat, l-allegazzjoni hija mifhuma li qed tirreferi ghal ksur da parti tal-awtoritajiet koncernati tas-sub-artikolu (1) (b) (iii) u (iv) ta' dan l-artiklu 469A tal-Kap 12[20].**

Issa l-kwistjoni tal-validita' o meno ta' att gudizzjarju trid tittiehed fl-ambitu ta' dak li jipprovdi l-artiklu 789(1) tal-Kap.12 dwar meta meta att gudizzjarju jista' jigi dikjarat null:

*"(1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*
*(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-ligi espressament;*
*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*
*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*
*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

[20] Ma tressqet ebda prova li l-azzjoni tressqet barra l-limiti tat-terminu ta' sitt xhur impost mill-ligi u ghalhekk l-azzjoni hija meqjusa tempestiva.

*(2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità".*

Il-gurisprudenza nostrali dwar din il-materja hija kopjuza u kostanti. Il-kaz fl-ismijiet **Antonia Zahra vs Raymond Borg** deciz fid-29 ta' Settembru 2015[21] jigbor fih sintezi ta' principji li huma rilevanti ghall-vertenza odjerna fuq dan il-punt:

*"Illi fl-ewwel lok jinghad li llum hija gurisprudenza li l-Qorti kemm jista' jkun, ghall-pratticita` u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi.*

*Illi skont is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Michael Attard nomine vs Raymond Galea"** deciza fit-12 ta' Mejju, 1998 intqal illi "bhala regola, skont il-gurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz" u "kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozita' procedurali, u il-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza" (**"Aquilina vs Cassar"** – Vol. LXXVI.iv.666).*

*Illi l-emendi li saru fil-ligi bl-Att XXIV tal-1995, huma mmirati proprju ghalhekk, ghaliex huwa bl-istess tibdil ovvju li l-interess tal-gustizzja fil-kaz in partikolari jigi moqdi generalment biss b'decizjoni fuq il-punt sostantattiv tal-kawza, u dak huwa dak li fil-verita' l-partijiet ikunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-procedura jezistu biex jipprovdu l-ahjar triq sabiex id-dritt sostantattiv ikun jista' jingieb bl-ahjar u bl-izjed mod*

[21] Rik Nru 1157/2014

*spedjattiv ghall-konferma tieghu, u dan entro llimiti tal-ligi, u sabiex l-istess dritt ma jkunx jista' jigi abbuzat.*

*Illi ghalhekk l-ebda principju ta' gustizzja ma ghandu jhalli d-dritt procedurali jiehu s-sopravent fuq id-dritt sostantattiv, b'mod li l-formalizmu bil-mod estrem tieghu jiddetta l-effettiva ezekuzzjoni u mplimentazzjoni tal-gustizzja skont il-ligi (vide* ***"Anthony Abdilla et vs Emanuel Deguara et"*** *deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 1999 (P.A. (RCP) Cit. Nru. 1998/97).*

*Illi hawn issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***"Dottor Henry Vassallo vs Onor. Prim Ministru et"*** *(P.A.Kost. (JRM) 9 ta' Ottubru 1991. Rikors Numru 6/01/JRM) fejn inghad:*

*"Illi kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita' mtella' taht il-paragrafu (c) u dik taht il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li f'tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux "semplici" ksur ta' forma preskritta (****"Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri"*** *– P.A. (C.S) 4 ta' Novembru 1988)".*

Il-konvenuti jissenjalaw il-pregudizzju fid-difiza taghhom bhala r-raguni il-ghala r-rikors guramentat ghandu jigi dikjarat inammissibbli. Izda l-Qorti ma ssibx li dan l-argument huwa wiehed gustifikat. Ghalkemm, kif inghad, l-atturi ma identifikawx espressament l-artikolu tal-ligi li fuqu sejsu l-azzjoni taghhom, is-sustanza tal-pretensjonijiet u t-talbiet tal-atturi ma jistghux hlief jippontaw lejn azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv, fatt illi l-konvenuti stess issenjalaw sa mill-bidu nett tal-proceduri fi stadju ta' risposta guramentata. Il-Qorti ghalhekk ma tarax li l-konvenuti sofrew xi pregudizzju fid-difiza taghhom ghax mill-mod kif huma laqghu ghall-azzjoni bl-eccezzjonijiet taghhom, kif ukoll bil-mod kif huma stradaw il-provi taghhom, huwa car li huma dderigew id-difiza taghhom f'kull stadju fuq il-binarji ta' kawza ghal stharrig gudizzjarju ta' att amministrattiv.

Din l-eccezzjoni sejra ghalhekk tigi michuda.

**It-tieni eccezzjoni preliminari**

Din tghid hekk –

*"Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti ghandhom jipprovaw l-interess guridiku taghhom fit-talbiet impustati kif mehtieg bil-ligi."*

Fl-ewwel u kif inhu risaput fil-gurisprudenza, sabiex l-atturi juru l-interess guridiku taghhom fil-proceduri odjerni huma jehtigilhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti mill-ligi kif elenkati fost ohrajn fil-kaz fl-ismijiet **Agatha Formosa Gauci vs Avukat Dottor Francis Lanfranco et deciza fit-28 ta' Novembru 2003**[22]**-**

*"(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali;*

*(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;*

*iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha;*

*iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita' u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi;*

[22] App Nru 621/01

*v) l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti tul il-hajja kollha ta' l-azzjoni u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;*

*vi) l-interess ta' l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;*

*vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista' jippromwovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm linteress mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'il quddiem;*

*viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku;*

*ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda llegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg."*

Studju gurisprudenzjali dettaljat rigwardanti din l-eccezzjoni insibuh fis-sentenza fl-ismijiet it-**Tabib Charles Delicata et vs Glen Debattista et.**[23]**,** inghad:

*"**L-interess guridiku : Gurisprudenza***

[23] Deciza 28 ta' Frar, 2017; rikors guramentat 924/11JZM.

*Il-punt tat-tluq ta` kull azzjoni civili huwa l-interess guridiku tal-partijiet, kemm ta` min jistitwixxi l-azzjoni kif ukoll ta` min jilqa` ruhu kontra dik l-azzjoni, l-hekk maghruf fid-dottrina kontinentali : "point d`interet, point d`action".*

*In linea generali, it-talba ta` l-attur titwieled mill-vjolazzjoni attwali jew allegata tad-drittijiet tieghu. Ghalhekk objettivament l-iskop ta` kull kawza huwa sabiex l-attur jerga` jitqieghed fl-ezercizzju jew tgawdija shiha tal-jeddijiet tieghu. Il-funzjoni u l-oneru tal-gudikant huwa li jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u jaccerta ruhu mid-drittijiet ta` l-attur sabiex jasal u jistabilixxi jekk tezistix xi vjolazzjoni ta` l-jedd, kif ukoll jekk ghandhiex issehh it-tnehhija ta` tali vjolazzjoni.*

*Dan huwa l-interess bazilari li jrid ikollu kull min jippromwovi l-azzjoni*:-

*"Il primo e precipuo interesse [ta` l-attur] e` di ottenere dal tribunale, come rizultato dell` azione promossa il riconoscimento e l`affermazione del diritto che ne` ha formato il sostrato e ne costituisce anche l`oggetto, e che si allega essere stato leso."* (***Micallef Goggi vs. Armando Mifsud*** *[Vol. XXVII.I.507]).*

*L-interess guridiku jsehh ruhu fl-utilita` finali li l-ezitu tal-kawza jkollha ghall-attur, liema utilita` finali ta` l-azzjoni tirrisjedi appuntu fil-propositu li jitnehha l-istat ta` vjolazzjoni tad-dritt almenu opinata u affermata mill-attur. (ara : "**Antonio Borg vs Guido Abela**" : Kollez. Vol. XXXVIII.I.300.*

*Ikun hemm interess guridiku jekk il-kawza tkun tista` twassal ghal vantagg ghal min jipproponiha. Il-Qorti trid tkun konvinta li l-attur ikollu l-iskop li jirkupra l-oggett jew beneficcju ta` xi jedd moghti lilu bil-ligi, u li jkun gie vjolat :-.*

*"Per istituire un giudizio non basta che un fatto d`altri pregudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico."(Mattirolo :* ***Diritto Giudiziario*** *: Vol I par 56)*

*Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/TM**) fit-2 ta` Mejju 2002 fil-kawza "**George Laferla et vs Joseph Lauri et**" inghad li :-*

*"Huwa risaput li l-interess ta` l-attur f`kawza jrid jibqa` jissussisti matul il-hajja ta` l-azzjoni, ghaliex jekk tali interess jigi nieqes, il-kawza ma tkunx tista` tissokta (ara **"Calleja vs Micallef"** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fl-1 ta` April, 1992, u **"Sammut vs Attard"** deciza wkoll mill-istess Qorti ta` l-Appell fis-17 ta` Frar, 1993)."*
*Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess guridiku, irid jissussisti matul il-hajja kollha ta` l-azzjoni. Meta dan l-interess jonqos, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/RCP**) fis-26 ta` April 2012 fil-kawza "**Nicholas de Giorgio vs Vincent Paul Savona et**" inghad hekk :-*
*"Illi dwar in-nuqqas ta` interess guridiku tal-attur fil-mument li l-prezenta*

*l-kawza huwa rilevanti li jinghad li "biex wiehed jipproponi domanda f`gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hem bzonn li jkollu interess fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utli jew vantaggjuz" ("**Beatrice Manche noe –vs-Maria Montebello**" A.C. - 13 ta` Frar 1953), "b`mod li jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi" (**"Giuseppe Camilleri et –vs- Giuseppe Sammut et"** P.A. - 7 ta` Jannar 1953) u jekk irrizultat, jew sentenza, ma jkunx jista` jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (**"Michelangelo Bond –vs- Carmelo Mangion et"** A.C. 27 ta` Mejju 1991; u **"Albert Calleja –vs-Orazio Micallef"** A.C. - 1 ta` April 1992).*

*Fuq il-kuncett tar-rizultat vantagguz jew utli, ossija ta` l-utilita` guridika ssir riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Veronica Farrugia et –vs- Mary Buhagiar"** (A.C. - 2 ta` April 1993) u "**Joseph Attard et –vs- Paul Baldacchino**" (A.C. - 5 ta` Ottubru 2001).*

*Fid-decizjoni li tat din il-Qorti fil-kawza "**Angelo Spiteri vs Giuseppe Zammit et**" (Kollez Vol XLII-II-1032), inghad hekk :-*

*"Dan l-interess irid ikun jezisti fil-mument li tkun spjegata l-azzjoni. L-attur irid juri illi ghal esercizzju tad-dritt tieghu huwa ghandu attwalment bzonn li invoka l-protezzjoni tal-Qorti. Irid juri li mill-kawza jirritraji utilita` "rikonoxxuta mil-ligi."*
*"L`utilita` che dal gudizio si spera di trarre deve essere riconosciuta dal diritto obiettivo come base sufficiente per intentare l`azione". (Dizionario Pratico del diritto privato, Scaloja, Interesse in Giudizio)" (**"Bartoli vs. Zammit Tabone"** Vol. XLV-1-58).*

*"F`dan ir-rigward huwa ormaj pacifiku anki fil-gurisprudenza taghna, illi l-interess huwa l-misura mhux biss tal-azzjoni, imma anki ta` l-eccezzjoni (Kollezz XXIV-11-627); jigifieri, dan l-interess ghandu jinstab tant f`min jipproponi domanda gudizzjarja, kemm f`min jigi mharrek biex jikkontradiciha ...*
*"Dan l-interess ghandu jkollu diversi rekwisiti fost hwejjeg ohra ghandu jkun legittimu, jigifieri ghandu jkun konformi mad-dritt u jekk dan ikun biss interess u mhux anki dritt, l-azzjoni ma tregix (kollezz. XXXVII-III-889) u ghandu jkun ukoll ezistenti fil-konfront tal-konvenut maghzul bhala kontradittur legittimu fil-kawza." (Kollezz XXIV-II-627 u XXXVII- II-889)*

*Fid-decizjoni li tat fis-27 ta` Ottubru 2004 fil-kawza "**Simonds Farsons Cisk Limited vs Agent Direttur ta` l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni**" din il-Qorti (**PA/PS**) qalet illi :-*
*"Presuppost specifiku ta` l-ezercizzju ta` azzjoni gudizzjarja (`action nata`) hu l-interess guridiku. Dan pero` mhux bizzejjed. Hu mehtieg ukoll li jigi dimostrat illi t-talba trid taghti lill-propronent rizultat utili, ghax jekk tali rizultament vantaggjuz jew utli ma jistax jinkiseb, l-azzjoni ma tistax tigi protetta."*

*Fis-sentenza li tat fit-2 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **"Edrichton Estates Ltd vs Munro Philips and Company Ltd"** din il-Qorti (**PA/RCP**) qalet hekk –*

*"Illi l-Qorti kkwotat dak li ntqal fis-sentenza "**J. Muscat et vs R.Buttigieg et"** (A.C. 27 ta` Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) fejn intqal :-*

*"L-interess irid ikun*

*a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta` lezistenza*

*ta` dritt u l-vjolazzjoni tieghu ;*

*b) dirett u personali : fis-sens li huwa dirett meta jezisti filkontestazzjoni*

*jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li*

*jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari ;*

*c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta` vjolazzjoni*

*ta` dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti*

*f`kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta`*

*dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

*Fis-sentenza taghha tas-6 ta` Ottubru 1999 fil-kawza "**Onor. E.Fenech Adami vs Dr. George Abela et"** (Kollez Vol LXXXIII.II.331) il-Qorti tal-Appell sostniet:-*

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta` interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa `l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita esistenza o violazione del diritto`. Illi ghalkemm fissistema taghna tista` tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l- accertament tieghu permezz ta` l-awtorita` gudizzjarja".*

*"Illi kif gie ritenut fis-sentenza ta` din il-Qorti fil-15 ta` Lulju 1952 (Vol.36. ii. 493), fl-ismijiet "**Edgar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et"** li :-*

*"Citazzjoni tista` ssir biex tinghata semplici dikjarazzjoni, u ma hemmx bzonn bilfors li tintalab dejjem kundanna ... biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – `l`azione civile non puo` essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l`uno e l`altro di questi requisiti, l`azione e` infondata e inammissibile`.*

*Hekk ukoll fis-sentenza li tat fit-28 ta` Frar 1997 fil-kawza "**Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et noe et**" tat-28 ta` Frar 1997 (Kollez Vol. LXXI.II.429) il-Qorti tal-Appell irriteniet :-*

*"li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir".*

*Fis-sentenza li tat fit-18 ta` Jannar 2001 fil-kawza "**Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**" din il-Qorti (**PA/JRM**) sostniet :-*

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta` l-attur f`kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B`ta` l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta` l-ezistenza ta` jedd u l-htiega li tilqa` ghal kull attentat ta` ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta` l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugha fid- 9 ta` Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

*"Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta` dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta`din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta`Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Tonna vs Vincent Grixti**", Kollezz. Vol LXXV1.iii.592]."*

*Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawza "**Amedeo Barletta noe et vs L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta**" din il-Qorti (**PA/JRM**) osservat :-*

*"Illi l-Qorti tqis li meta wiehed ihares lejn is-siwi ta` eccezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l- interess guridiku tal-parti attrici li ssostni l-kawza, wiehed irid izomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u mal-principji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu mehtieg biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd (Ara App. Civ. 13.2.1953 fil-kawza fl-ismijiet* ***Manche` vs Montebello*** *(Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduci tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi (P.A. 7.1.1953 fil-kawza fl-ismijiet Camilleri vs Sammut (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minhabba dan il-principju li ghadd ta` sentenzi cahdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni minghajr oggett materjali (Ara App. Civ. 8.6.1942 fil-kawza fl-ismijiet* ***Cortis vs Bonello*** *(Kollez. Vol: XXXI.i.218);*

*Illi, minbarra dan, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa`jsehh matul il-hajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza (App. Civ. 17.2.1993 fil-kawza fl-ismijiet Sammut et noe vs*
*Attard (Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur ghandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawza (Ara App. Civ. 3.12.1984 fil-kawza fl-ismijiet* ***Borg vs Caruana*** *(Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-ghadd ta` sentenzi hem imsemmija, u ghalkemm il-mottiv tal-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fir-Rikors Mahluf, ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kuntrastat (Ara App. Civ. 12.12.1983 fil-kawza fl-ismijiet* ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et****).*

*Illi l-interess mhux tabilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid, u jista` jezisti wkoll fejn jimmira li jhares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew suggettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawza fl-ismijiet* ***Axiaq vs Mizzi noe et***

*(Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku (App. Civ. 15.12.1932 fil-kawza fl-ismijiet* ***Scolaro vs Bailey*** *(Kollez. Vol: XXVII.ii.195).”*

*Fis-sentenza li tat fit-28 ta` Novembru 2003 fil-kawza “****Agatha Formosa Gauci vs Dr Francis Lanfranco et****” il-Qorti tal-Appell elenkat il-principji li ghandhom iservu bhala gwida sabiex tkun indirizzata u risolta l-kwistjoni tal-interess. Il-principji huma dawn :-*

*(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu,*
*kif ukoll attwali.*

*(ii) l-istat attwali ta` ksur ta` jedd jikkonsisti f`kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq.*

*(iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta` l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ngustizzja li tkun giet maghmula kontriha.*

*(iv) l-interess guridiku jrid ikun iwassal ghal rizultat ta` utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi.*

*(v) l-interess guridiku jrid jibqa` jissussisti matul il-hajja kollha ta`l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa` fil-kawza.*

*(vi) l-interess ta` l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta` l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu*

Fid-dawl tas-suesposti principji, il-Qorti ma tarax li din l-eccezzjoni hija gustifikata.

Kif dikjarat fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat, fir-rigward tal-Assocjazzjoni tal-Pulizija, hija ghandha l-mandat li tagixxi sabiex tippromwovi l-interessi tal-membri taghha[24], u cioe' l-membri tal-Korp tal-Pulizija, u ntavolat dawn il-proceduri proprju f'din il-vesti. Fir-rigward taz-zewg atturi l-ohra, huma ntavolaw il-kawza odjerna fil-funzjoni taghhom ta' ufficjali pubblici.

Stabbilit dan, il-Qorti tqis li kull wiehed minn dawn it-tlett atturi ghandhom l-interess guridiku mehtieg sabiex imexxi 'l quddiem il-kaz tieghu quddiem din il-Qorti. L-interess huwa meqjus dirett, legittimu kif ukoll attwali. Mill-premessi u t-talbiet huwa car li l-atturi qeghdin ifittxu li jasserixxu jedd pretiz minnhom (dak tal-partecipazzjoni taghhom fl-irkanti in ezami), liema jedd fil-fehma taghhom qed jigi vjolat mill-konvenuti. L-interess huwa ghalhekk wiehed konkret reali  u legittimu. Huwa wkoll attwali ghax intiz li jindirizza decizjoni mehuda mill-awtoritajiet konvenuti, liema decizjoni fil-fehma tal-atturi qeghda xxejjen id-dritt pretiz minnhom li huma ghandhom ikunu partecipi fl-irkanti msemmija. Certament ukoll li ezitu favorevoli ghall-atturi jkun utli u ta' vantagg ghalihom ghax jirnexxielhom jottjenu dak pretiz minnhom.

Isegwi ghalhekk li l-atturi kollha rnexxielhom juru l-interess guridiku taghhom ghal fini ta' din il-kawza.

Din l-eccezzjoni preliminari hija michuda wkoll.

**Ikkunsidrat:**

Sorvolati dawn l-eccezzjonijiet preliminari, l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-qofol tal-kwistjoni fil-mertu bejn il-partijiet u cioe' jekk id-decizjoni tal-awtoritajiet konvenuti li jipprojbixxu lill-atturi, flimkien mal-bqija tal-ufficjali pubblici l-ohra,

[24] Artikolu 2.1.1

hijiex wahda li ssib il-komfort taghha fil-ligi, kif jirritjenu l-istess konvenuti, jew inkella hijex wahda abbuziva kif allegat mill-atturi.

Il-punt krucjali li ghandu jwassal ghad-determinazzjoni ta' din il-kwistjoni huwa proprju l-interpretazzjoni tar-regolament 110 tar-Regolamenti dwar il-Finanzi Generali (L.S.174.01).

In linea ta' principji gurisprudenzjali, intqal hekk fil-kaz **It-Tabib Dottor John Cassar et vs Stanley Castillo deciz fis-6 t'Ottubru 2004**[25] -

*"Kif saput, il-kompitu ta' l-interpretazzjoni mhux ezercizzju facli u, anzi, ta' sikwit joffri insidji li, jekk wiehed ma joqghodx attent ghalihom, spiss jinkorri fi zball. Dan jokkorri partikolarment fejn it-test ikun oskur jew elaborat izzejjed jew fejn ikun fonti ta' aktar minn interpretazzjoni wahda. B'danakollu, kif wisq tajjeb gie espress, "billi hi regola ta' interpretazzjoni illi ebda ligi ma ghandha titqies kontradittorja fiha nfisha, meta jkun hemm dubju fuq hekk, huwa kompitu tal-gudikant li jindaga u jinterpreta s-sens skond l-intenzjoni tal-legislatur, u b'quddiem ghajnejh ir-ragunijiet li geghlu lil-legislatur jaddotta l-ligi. Il-gudikant ghalhekk ghandu jirrikorri ghal "mens legis" biex jaghti dik l-interpretazzjoni li tikkorrispondi ghall-ispirtu nformatur tal-ligi" ("**Kollez. Vol. XXXVII pI p1 79**)."*

Naturalment, u kif inghad fil-kaz **Dr Charles Galea noe vs Franca Pia di Donna deciz fis-17 ta' Marzu 2003**[26], il-Qorti -

*"...ghandha taghti lill-kliem espress tal-ligi s-sinifikat naturali u ordinarju tieghu. Din wara kollox hi l-ewwel u l-iprem regola tal-interpretazzjoni."*

**Ir-regolament 110 tal-L.S. 174.01** jipprovdi hekk -

[25] App Nru 284/01
[26] App Nru 178/00

*“Hlief meta s-Segretarju Permanenti responsabbli ghad-dipartiment interessat jordna mod iehor, oggetti ta` hazniet zejda msemmija taht ir-regolament 104, ghandhom jitnehhew mid-Direttur tal-Kuntratti wara li dan ikun hareg sejha pubblika ghall-offerti:*

*Izda:*

*oggetti ta` hazna li meta jigu raggruppati skont il-kategorija li lilha jappartjenu jkollhom valur stmat li ma jaqbizx sebgha u erbghin elf euro (€47,000) ghal kull grupp jistghu jitnehhew dipartimentalment hekk kif jista` jigi approvat mis-Segretarju Permanenti responsabbli ghad-dipartiment interessat wara sejha pubblika jew dipartimentali ghall-offerti;*

*oggetti ta` hazna li meta jigu raggruppati skont il-kategorija li lilha jappartjenu jkollhom valur stmat li ma jaqbizax sitt elef euro (€6000) ghal kull grupp jistghu wkoll jitnehhew dipartimentalment fid-diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti responsabbli ghad-dipartiment interessat wara li jkunu ngabru mhux anqas minn hames kwotazzjonijiet mis-suq liberu;*

*oggetti ta` hazna li meta jigu raggruppati skont il-kategorija li lilha jappartjenu jkollhom valur stmat li ma jaqbizx elf u mitejn euro (€1,200) ghal kull grupp jistghu wkoll jitnehhew dipartimentalment fid-diskrezzjoni tal-Kap tad-dipartiment interessat:*

*Izda wkoll, f`kull kaz, ebda ufficjal pubbliku m`ghandu jithalla jikkwota jew jitfa` offerti biex jakkwista oggetti bhal dawk sew direttament jew indirettament.”*

Imbaghad **ir-regolament 104** li ghalih jirreferi r-regolament appena citat jipprovdi kif gej:-

*Ghall-fini ta` din it-taqsima, “hazniet” ghandha tinkludi provvisti ta` xorta generali mehtiega ghal xogholijiet u servizzi ordinarji li jsiru matul il-kors ta` sena*

*finanzjarja, oggetti jew apparat li jitqiesu li jkunu zejda, u oggetti li ma jkunux prattikabbli li jigu msewwijin jew li ma jistghux jittejbu."*

L-atturi jargumentaw[27] li l-projbizzjoni ta' dan ir-regolament biex ufficjali pubblici ma jippartecipawx fi process t'akkwist ta' hazniet zejda tad-Dipartimenti tal-Gvern ma tapplikax ghall-kaz tal-lum peress li din id-dispozizzjoni tal-ligi tghodd biss meta l-oggetti msemmija jkunu ser jitnehhew b'mod ragruppat permezz ta' kwotazzjonijiet jew sejhiet pubblici ghall-offerti. Fil-fehma tal-atturi, la bejgh bl-irkant ma huwhiex kontemplat f'dan ir-regolament, il-projbizzjoni msemmija fih ma tistax tigi estiza ghall-partecipazzjoni ta' ufficjali pubblici meta l-oggetti li jkunu proprjeta' ta' jew fil-pussess tad-Dipartiment ikunu ser jitnehhew bl-irkant.

L-atturi jissenjalaw ukoll dak li huma jsejhu nuqqasijiet/konfuzjoni fit-traduzzjoni mill-Malti ghall-Ingliz ta' certu kliem tar-regolament 110 fejn ir-referenza ghal kelma "auction" fil-verzjoni ngliza mkien ma ssib postha bhala verzjoni "rkant" fit-test Malti.

Ghall-atturi, dak li r-regolament 110 irid jipprevjeni hi sitwazzjoni ta' kunflitt ta' nteress potenzjali fejn tigi leza t-trasparenza ta' hazniet f'sitwazzjonijiet fejn ufficjal pubbliku jista' jkun edott minn informazzjoni nterna li tista' tagevolah fil-prezz idoneju ta' l-oggett mahzun meta jkun hemm sejha pubblika ghall-offerti. Ix-xenarju fil-kaz ta' rkant pubbliku pero' huwa kompletament differenti.

Il-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti invece jirribattu li r-regolament 110 jipprovdi li l-hazniet zejda tad-Dipartimenti tal-Gvern jistghu jitnehhew b'zewg modi: jew (a) wara li tinhareg sejha pubblika ghall-offerti mid-Direttur tal-Kuntratti; jew (b) bil-mod kif is-Segretarju Permanenti responsabbli ghad-Dipartiment partikolari jordna li l-hazniet ghandhom jitnehhew. F'dan il-kaz, huma jghidu li s-Segretarju Permanenti ghazel li l-hazniet jitnehhew b'irkant pubbliku u mhux b'tender.

[27] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 101 et seq

Il-konvenuti jkomplu jispjegaw li l-ewwel proviso tal-istess Regolament jahseb ghall-mod ta' tnehhija ta' hazniet meta dawn ikunu permezz ta' sejha pubblika ghall-offerti. Ikomplu jargumentaw li fit-tieni proviso tieghu, ir-regolament jghid li "f'kull kaz" ta' tnehhija ta' hazniet u cioe' kemm jekk dawn jitnehhew permezz ta' tender jew b'mod iehor skont kif deciz mis-Segretarju Permanenti, ebda ufficjal pubbliku m'ghandu jithalla jikkwota jew jitfa' l-offerti tieghu biex jakkwista dawk l-oggetti, kemm b'mod dirett u anke ndirett. Ghall-konvenuti, l-uzu tal-kliem "f'kull kaz" juri li d-divjet fuq l-ufficjali pubblici japplika ghal kull tip ta' tnehhija u mhux limitatament ghal tnehhija permezz ta' sejha pubblika ghall-offerti. Il-konvenuti jsostnu illi li kieku dan it-tieni proviso kien intiz li japplika biss f'kaz ta' tnehhija permezz ta' sejha pubblika ghall-offerti, tali limitazzjoni kienet tigi stipulata espressament. Haga li ma saritx.

Fil-fehma tal-konvenuti, ir-*ratio legis* wara din it-tip ta' projbizzjoni huwa l-eradikazzjoni ta' kull kunflitt ta' nteress li jista' jkollhom ufficjali pubblici fl-isfera tal-amministrazzjoni pubblika bil-*punto temporis* ikun il-koncepiment u cioe' fl-ghazla u d-determinazzjoni ta' dak li huwa effettivament "hazna" a tenur tar-regolament 104. Huma jsostnu li l-ghan tal-projbizzjoni hu li ebda ufficjal pubbliku ma jaqa' fit-tentazzjoni li jikklassifika oggett bhala hazna zejda skont ir-Regolament 104 u dan ghall-ghan ahhari li jakkwista tali oggett b'valur ridott jew bic-certezza li jakkwista tali oggett.

Esposti l-pozizzjonijiet rispettivi tal-partijiet il-Qorti sejra tghaddi ghall-evalwazzjoni ta' dan ir-regolament 110.

Fl-ewwel lok u a skans ta' kull ekwivoku, il-Qorti ma hijiex sejra taghti piz lid-dicitura *"auction"* fit-test ingliz tar-regolament *de quo* u dan ghal zewg ragunijiet: (i) f'kaz ta' kunflitt huwa dejjem it-test Malti li jipprevali, u fit-test malti ma hemm ebda referenza ghal kelma "rkant"; u (ii) huwa evidenti li l-uzu tal-kelma "*auction*" uzata fit-test ingliz hija f'kunflitt mat-traduzzjoni tal-istess kelma maltija f'parti ohra tat-test. Dan peress li filwaqt li fl-ewwel parti tar-regolament il-kliem "sejha pubblika

ghall-offerti" hija (korrettement) tradotta bhala *"public call for tenders"*, fil-paragrafu mmedjat ta' wara, (l-ewwel proviso), l-istess kelma Maltija "sejha pubblika jew dipartimentali ghall-offerti" hija tradotta (erroneament) bhala "*an auction or a departmental call for tender".* Huwa car ghalhekk li l-uzu tal-kelma "*auction*" fit-test ingliz hija frott ta' zball tat-traduzzjoni peress li sejha pubblika ghall-offerti, li huwa process interament differenti minn irkant pubbliku ma jista' qatt jigi tradott bhala "*auction*."

Fit-tieni lok, il-Qorti tqis li huwa pacifiku bejn il-partijiet li r-regolament 110 tal-L.S. 174.01 jirregola zgur it-tnehhija ta' hazniet zejda permezz ta' sejha pubblika ghall-offerti. Infatti, ir-regolament jipprovdi b'mod dettaljat il-process li bih ghandhom jitnehhew il-hazniet zejda permess ta' tali sejha. Naturalment, u meta l-valur tal-hazniet ikun wiehed sostanzjali, huwa d-Direttur tal-Kuntratti li ghandu jmexxi l-process tat-tenders, filwaqt li mbaghad kif hemm stipulat fl-ewwel proviso, skont il-valur tal-hazniet ragruppati, il-process jitmexxa Dipartimentalment skont il-proceduri ndikati.

Huwa pacifiku wkoll bejn il-partijiet li l-projbizzjoni tal-ufficjali pubblici milli jippartecipaw f'tali sejhiet pubblici ghall-offerti hija projbita kemm direttament u ndirettament.

Il-punt ta' divergenza bejniethom huwa jekk tali projbizzjoni hijiex ukoll estiza ghar-rigward ta' tnehhija ta' hazniet zejda permezz ta' bejgh bl-irkant, "*auction*".

Wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-kuntest shih ta' dan ir-regolament 110 hija ssib li l-atturi ghandhom ragun jargumentaw li l-projbizzjoni ghall-partecipazzjoni tal-ufficjali pubblici ma tistax titqies li tapplika ghall-process ta' tnehhija ta' oggetti permezz ta' rkant pubbliku. Huwa minnu li fil-bidu tieghu ir-regolament 110 isemmi li s-Segretarju Permanenti jista' jordna mod iehor minn dak provdut fir-rigward ta' tnehhija ta' hazniet permezz ta' sejhiet pubblici ghall-offerti. Izda huwa car, fil-fehma tal-Qorti, li l-projbizzjoni fil-konfront tal-ufficjali pubblici hija ntiza biss fir-rigward

tas-sejhiet pubblici ghall-offerti li dwarhom jitkellem ir-regolament. Dan huwa manifest mid-dicitura stess uzata mit-tieni proviso:

*Izda wkoll, f`kull kaz, ebda ufficjal pubbliku m`ghandu* ***jithalla jikkwota jew jitfa` offerti***[28] *biex jakkwista oggetti bhal dawk sew direttament jew indirettament."*

Il-kliem uzat fejn l-ufficjal pubbliku m'ghandux jithalla "**jikkwota**" huwa evidentement abbinat ma' u riferibbli ghall-paragrafu (b) tal-ewwel proviso tar-regolament fejn fir-rigward ta' oggetti ta` hazna li meta jigu ragruppati skont il-kategorija li lilha jappartjenu jkollhom valur stmat li ma jaqbizx sitt elef euro (€6000) ghal kull grupp, dawn jistghu wkoll jitnehhew dipartimentalment fid-diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti responsabbli ghad-dipartiment interessat wara li jkunu ngabru mhux anqas minn hames kwotazzjonijiet mis-suq liberu.

Hija tal-fehma soda din il-Qorti li l-kliem uzat fejn l-ufficjal pubbliku m'ghandux jithalla "**jitfa' offerti**" huwa evidentement abbinat u sinonimu mat-tnehhija tal-hazniet zejda permezz tas-sejhiet pubblici ghall-offerti li ghalihom hemm referenza specifika u dettaljata fir-regolament imsemmi.

Tinnota l-Qorti nvece li mkien f'din il-projbizzjoni ma hemm referenza ghal kazijiet ta' bejgh bl-irkant. Addirittura, u kif ben osservaw l-atturi, t-terminologija uzata fil-kuntest ta' bejgh bl-irkant hija ben diversa fejn wiehed ma jitkellimx fuq li wiehed jitfa' "offerti" bhalma jsir fil-kaz tat-*tenders* izda fuq li jaghmel "offerta ta' prezz" kif stipulat fir-Regolamenti dwar bejgh b'Irkant Pubbliku[29].

Fir-rigward tal-kunflitt ta' nteress li fuqu ghamlu hafna enfasi l-konvenuti, il-Qorti ssib li tali thassib ma ghandux jiffigura fil-kaz tal-bejgh bl-irkant ghax kif inhuwa evidentement maghruf, il-mod kif jitmexxa rkant huwa ferm differenti minn kif jitmexxa tender. F'kaz ta' rkant, il-potenzjali xerrejja, huma min huma, jkunu kollha

[28] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[29] L.S. 342.01 – Regolament 7 (4)

fl-istess pozizzjoni, u cioe' jaghmlu offerta ta' prezz li tista' tintlaqa' jew ma' tintlaqax skont min joffri l-aktar. Ghalhekk l-argument tal-konvenuti li d-decizjoni originali dwar liema hazniet ghandhom jitnehhew tista' eventwalment tohloq kunflitt ta' nteress meta l-process jasal ghal fazi finali tal-bejgh bl-irkant, hija wahda mgebbda u ma tistax tigi paragunata mal-kunflitt ta' nteress potenzjali fil-kaz ta' sejha pubblika ghall-offerti. Dan ghaliex filwaqt li huwa minnu li fil-kaz ta' sejha pubblika ghall-offerti (*tenders*) ufficjal pubbliku jista' jottjeni nformazzjoni minn gewwa d-Dipartiment dwar cifri, figuri u offerenti ghat-*tenders*, ma jistax jinghad l-istess fir-rigward tal-bejgh bl-irkant. Dan peress li f'tali process l-offerta tal-prezz (*bid*) issir direttament u spontanjament waqt il-bejgh tal-irkant stess u hadd m'ghandu konoxxenza jew garanzija ta' liema ser tkun l-ahjar offerta ta' prezz. Di piu' jinghad ukoll ghal fini tal-kaz odjern, l-*auction starting prices*, l'hekk imsejjha riserva, ghall-oggetti ntizi li jinbieghu fiz-zewg irkanti in kwistjoni huma diga' stabbiliti u maghrufa u huma l-istess ghal kull min se jithajjar joffri prezz minghajr ebda distinzjoni. Di piu l-irkantatur zgur li jkollu influenza konsiderevoli fuq dak li huwa l-prezz idoneju ta' l-oggett intiz ghal irkant u kemm ghandu jigi stmat.

Dawn il-konsiderazzjonijiet fil-fehma tal-Qorti jgibu fix-xejn id-difiza tal-awtoritajiet konvenuti fir-rigward ghax minn dak li rrizulta, din il-Qorti ma tistax minn jeddha ggebbed l-interpretazzjoni naturali u ordinarja tar-regolament 110 biex tkopri wkoll tnehhija ta' hazniet b'irkant kif inhu l-kaz tal-lum.

In fine u ghal kull buon fini l-Qorti ma tistax ma tergax temfasizza li filwaqt li r-rapprezentant tad-Dwana xehed f'dawn il-proceduri li t-tnehhija ta' hazniet zejda mid-Dwana ssir permezz ta' rkant pubbliku (*public auction*), skont id-dokument[30] li pprezenta (fir-rigward ta' vetturi) ntwera li t-tnehhija ssir permezz ta' *tender*. Suppost ghalhekk li l-projbizzjoni msemmija fit-tieni proviso tar-regolament 110 ghandha tapplika ghall-ufficjali pubblici kollha. Nonostante dan, l-unika kondizzjoni li kienet giet imposta sabiex jigi evitat kunflitt ta' nteress kienet fuq l-impjegati tad-Dwana u l-familjari mmedjati taghhom. Dan juri wkoll li fil-prattika l-projbizzjoni  in kwistjoni,

[30] Fol 85A suriferit.

anke fir-rigward ta' sejhiet pubblici ghall-offerti, lanqas biss hi applikata b'mod uniformi skont dan l-istess Regolament.

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tqis li t-tezi tal-atturi timmerita li tigi milqugha.

Ghall-istess ragunijiet, l-eccezzjonijiet kollha fil-mertu mressqa mill-awtoritajiet konvenuti sejrin jigu respinti.

Il-Qorti tqis ukoll li in kwantu ma hemm ebda dubju li d-decizjoni li jsiru l-irkanti mpunjati, u d-decizjoni li l-ufficjali pubblici ghandhom ikunu projbiti milli jippartecipaw f'tali rkanti kienet unikament taz-zewg konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti, ghandhom ikunu huma biss li jgorru r-responsabilta' f'din il-kawza. Infatti kif issottomettew iz-zewg konvenuti l-ohra Pierre Grech Pillow u s-socjeta' Obelisk Auctions Limited[31], u ma gie kontradett b'ebda prova kuntrarja, ir-rwol taghhom f'dawn l-irkanti kellu jkun biss ta' rkantaturi biex ibieghu l-oggetti indikati lilhom mill-awtoritajiet konvenuti.

**Ikkunsidrat:**

Imiss issa jigu kkunsidrati t-talbiet tal-atturi.

Fid-dawl ta' dak appena deciz, l-akkoljiment tal-**ewwel talba** huwa meritat ghax ma ntweriet ebda raguni valida li tiggustifika d-decizjoni amministrattiva li ufficjali pubblici ma jithallewx jippartecipaw f'dawn iz-zewg irkanti. Dan iwassal ghall-konkluzjoni li a tenur tal-artikolu 469A (1) (b) (ii) u (iii) tal-Kap 12 l-projbizzjoni mposta fuq l-atturi hija *ultra vires* ghax hija:

ii. **abusiva** peress li l-awtoritajiet kompetenti ma kellhom ebda setgha mill-ligi (li huma stess invokaw a favur taghhom) biex jeskludu lill-atturi mill-partecipazzjoni fl-

[31] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 120

irkanti msemmija b'dana li l-ghemil amministrattiv sar għal għanijiet mhux xierqa u ssejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

iii. **illegali** ghax ma hemm ebda ligi li ttihom il-poter li jiehdu l-mizura li hadu fil-konfront tal-atturi.

Madanakollu, il-Qorti mhijiex sejra tidhol fil-kwistjoni dwar jekk l-eghmil amministrattiv lamentat huwhiex wiehed diskriminatorju peress li tali materja hija wahda riservata ghall-Qrati fil-vesti kostituzzjonali fi proceduri fejn jigu mistharrga allegat ksur ta' drittijiet fundamentali.

Dwar **it-tieni u t-tielet talba attrici**, mill-mod kif gew redatti dawn ma jistghux jintlaqghu in kwantu fi proceduri ta' stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv il-Qorti, f'kaz bhal tallum fejn tkun diga' ttiehdet decizjoni amministrattiva, l-aktar li tista' taghmel il-Qorti huwa li thassar id-decizjoni amministrattiva izda ma tistax tuzurpa d-diskrezzjoni tad-Dipartiment u tiddeciedi hi minflok x'ghandu jsir.

Kif inghad fil-kaz **Reginald Fava pro et noe v. Supretendent tas-Sahha Pubblika noe et** deciz 11 ta' Mejju 2010[32]–

*"Din il-Qorti, pero`, trid tirrimarka, anke biex jigu evitati malintizi 'l quddiem f'kaz ta' cirkostanzi simili, li hi ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti pprovdiet rimedju. F'kaz li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistharrgu ghemil amministrattiv, il-kompetenza taghhom hi limitata biex tordna li tittiehed decizjoni jew biex thassar dik l-istess decizjoni, pero` ma jaslu qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni flok l-awtorita` kompetenti. Jekk ligi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita` biex dik tiehu ddecizjoni taghha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita` ma tiehux decizjoni tista' tigi mgieghla taghmel dan, u jista' jigi indikat lilha li r-*

[32] App Nru 278/10

*ragunijiet ghaliex kienet qed tittituba milli tiehu decizjoni ma kienux relevanti; pero` finalment hija dik l-awtorita` li trid tiehu d-decizjoni mhux il-Qorti. Hekk fil-kawza* ***'Grech v. Ministru tax-Xoghlijiet et'*** *deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-29 ta' Jannar 1996 intqal illi:*

*"... il-Qrati fil-funzjoni taghhom ta' judicial review tal-operat tal-Ezekuttiv ghandhom iva d-dritt li jiddeciedu li att partikolari tal-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill-Ezekuttiv b'dik taghhom."*

**Ir-raba' talba** tal-atturi hija gustifikata u ghalhekk sejra tintlaqa'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici billi jirrizultalha li l-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali ma kellhom ebda raguni tajba biex izommu lill-atturi milli jippartecipaw fl-irkanti msemmija u li l-projbizzjoni mposta minn dawn il-konvenuti dwar il-partecipazzjoni tal-ufficjali pubblici fiz-zewg irkanti msemmija hija abbuziva u llegali fil-konfront tal-istess atturi. Izda ghar-ragunijiet moghtija tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba attrici fir-rigward tal-allegata diskriminazzjoni sofferta minnhom bid-decizjoni mpunjata;**

2. **Tichad it-tieni u t-tielet talba ghar-ragunijiet imsemmija;**

3. **Tikkonferma l-jedd pretiz mill-Mandat t'Inibizzjoni Nru 313/15 fl-isimijiet "Assocjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta et vs Kummissarju tal-Pulizija et" dekretat definittivament fis-17 ta' Marzu 2015;**

4. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali;**

5. **L-ispejjez tal-kawza ikunu a karigu tal-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali solidalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imhallef**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**